REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2361

tal-14 ta' Settembru 2017

dwar is-sistema finali ta' kontribuzzjonijiet għall-infiq amministrattiv tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ([1]), (u b'mod partikolari l-Artikolu 65(5) tiegħu,

Billi:

(1) Is-sistema provviżorja ta' pagamenti ta' kontribuzzjonijiet għall-infiq amministrattiv tal-Bord, stabbilita fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1310/2014 ([2]), kienet ibbażata fuq metodoloġija simplifikata u kopriet biss subsett limitat ta' entitajiet, jiġifieri l-entitajiet li huma kkunsidrati sinifikanti mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ("entitajiet sinifikanti"). Dik is-sistema provviżorja kienet introdotta sabiex tiżgura biżżejjed finanzjament għall-istabbiliment tal-Bord filwaqt li timminimizza l-piż amministrattiv għall-Bord, li f'dak iż-żmien kellu biss struttura limitata u kapaċità operazzjonali. Is-sistema provviżorja kienet maħsuba sabiex tapplika sakemm il-Kummissjoni tadotta sistema finali għad-determinazzjoni u sabiex iżżid il-kontribuzzjonijiet għal infiq amministrattiv.

(2) Minħabba li l-Bord akkwista struttura u kapaċità operazzjonali aktar stabbli, issa huwa xieraq li tiġi stabbilita s-sistema finali ta' kontribuzzjonijiet annwali għall-infiq amministrattiv tal-Bord. Sistema finali jenħtieġ li tissostitwixxi s-sistema provviżorja stabbilita fir-Regolament Iddelegat (UE) Nru 1310/2014.

(3) Tali sistema finali jenħtieġ li tipprevedi d-determinazzjoni u ż-żieda fil-kontribuzzjonijiet amministrattivi mhux biss għal entitajiet sinifikanti, iżda għall-entitajiet kollha li huma soġġetti għall-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni. Il-kontribuzzjonijiet jenħtieġ li jiġu kkalkolati fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni ta' dawn l-entitajiet fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti, peress li s-sussidjarji kollha ta' grupp ġewwa l-perimetru ta' konsolidazzjoni jaqgħu fl-ambitu tas-setgħat tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Bord meta jiġu adottati pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp, titwettaq il-valutazzjoni ta' riżolvibbiltà ta' gruppi u jiġu adottati deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni għall-gruppi. L-eżerċizzju ta' dawn il-kompiti jimplika nfiq għall-Bord għall-ġbir u analiżi ta' informazzjoni u *data* marbuta ma' kull sussidjarju inkluż fil-perimetru tal-konsolidazzjoni. Peress li dan huwa nfiq relatat mas-servizzi pprovduti mill-Bord għall-entitajiet li huma soġġetti għall-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, jenħtieġ li jitħallas minn dawn l-entitajiet u għalhekk il-kontribuzzjonijiet amministrattivi jenħtieġ li jiġu kkalkolati abbażi tal-kontijiet ikkonsolidati tagħhom fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti u jenħtieġ li tiġi kkalkolata kontribuzzjoni waħda biss għal kull grupp.

(4) Skont l-Artikolu 65(3) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-Bord għandu jiddetermina u jiġbor kontribuzzjonijiet kif ukoll jiżgura li dawn huma mħallsin kompletament u fil-ħin. Sabiex il-Bord ikun jista' jissodisfa dawn ir-rekwiżiti, jenħtieġ li tkun żgurata sistema effiċjenti sabiex jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet amministrattivi mill-istituzzjonijiet u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014. Dawn l-istituzzjonijiet u entitajiet diġà huma soġġetti għal għadd ta' obbligi ta' rappurtar stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. B'mod aktar speċifiku, skont ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew ([3]), il-BĊE jiġbor *data* dwar l-assi totali u l-iskopertura totali tar-riskju bil-għan li jikkalkula t-tariffi superviżorji. Id-*data* miġbura skont ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 tista' tkun użata b'mod sinifikanti għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet amministrattivi għall-Bord. Skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-Bord u l-BĊE għandhom jikkooperaw mill-qrib fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom skont dak ir-Regolament u, b'mod partikolari, jipprovdu lil xulxin l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-prestazzjoni tal-kompiti tagħhom. Huwa aktar effiċjenti li wieħed jitlob lill-BĊE sabiex jibgħat *data* li rċieva u vverifika fl-eżerċizzju tal-kompiti tiegħu u setgħat mogħtija lilu mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 ([4]) lill-Bord, milli li jiġi dduplikat il-piż

([1]) ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1310/2014 tat-8 ta' Ottubru 2014 dwar is-sistema provviżorja ta' pagamenti fuq il-kontribuzzjonijiet biex ikopru l-infiq amministrattiv tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni matul il-perjodu provviżorju (ĠU L 354, 11.12.2014, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar it-tariffi superviżorji (BĊE/2014/41) (ĠU L 311, 31.10.2014, p. 23).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

tar-rappurtar għall-istituzzjonijiet u entitajiet ikkonċernati. Skambju ta' *data* bejn il-BĊE u l-Bord għandu jippermetti wkoll li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-proċess ta' verifika tad-*data* mill-Bord u jibni fuq l-obbligu tal-Bord u l-BĊE sabiex jikkooperaw mill-qrib fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom skont ir-Regolament (UE) Nru 806/2014. Kwalunkwe duplikazzjoni tar-rappurtar tad-*data* u proċessi ta' verifika, inevitabbilment se jeħtieġu aktar ħin għall-kalkolu u għall-ġbir tal-kontribuzzjonijiet u jwasslu għal sistema anqas effiċjenti. Għalhekk bħala parti mill-obbligu ta' kooperazzjoni, il-BĊE jenħtieġ li jkun mitlub jibgħat lill-Bord id-*data* li rċieva mingħand l-istituzzjonijiet u entitajiet ikkonċernati bil-għan li jiġu kkalkolati l-kontribuzzjonijiet għall-Bord. Il-Bord jenħtieġ li joqgħod kemm jista' jkun fuq id-*data* miġbura mill-BĊE. Il-Bord jenħtieġ li jkollu aċċess għad-*data* msemmija qabel sakemm ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament.

(5) L-allokazzjoni tal-kontribuzzjonijiet jenħtieġ li tirrifletti d-differenza fl-ammont ta' xogħol u nfiq relatat għall-entitajiet skont ir-responsabbiltà diretta tal-Bord kif oppost għal dawk taħt ir-responsabbiltà ta' awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiddetermina kif il-kontribuzzjonijiet jenħtieġ li jinqasmu bejn dawn iż-żewġ gruppi ta' entitajiet. F'dawn iż-żewġ gruppi, is-sistema finali stabbilita minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tirrikjedi lill-entitajiet sabiex jikkontribwixxu fi proporzjon mar-rekwiżiti ta' riżorsi li huma individwalment ipoġġu fuq il-Bord, kif approssimizzat minn *data* osservabbli.

(6) Sabiex tkun ipprovduta ċertezza, kemm għall-Bord kif ukoll għall-entitajiet ikkonċernati, dwar kif kontribuzzjonijiet annwali individwali se jiġu aġġustati fil-każ ta' żball fil-kalkolu jew tibdil fid-*data* sottostanti, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi regoli speċifiċi f'dak ir-rigward. Meta l-Bord jagħmel żball fil-kalkolu tal-kontribuzzjoni annwali, jenħtieġ li jintalab jirranġa dak l-iżball. Tali rekwiżit jenħtieġ li japplika fir-rigward ta' żbalji li jseħħu għaliex il-Bord japplika b'mod inkorrett il-metodoloġija għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali individwali. F'każijiet bħal dawn, il-kontribuzzjonijiet kollha jenħtieġ li jiġu emendati. Għall-kuntrarju, każijiet fejn id-*data* tal-input użata fil-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet annwali individwali mhijiex korretta jew hija soġġetta għal bidla wara li l-kalkolu twettaq, m'għandhomx jitqiesu żbalji fil-kalkolu u għalhekk jenħtieġ li jiġu ttrattati b'mod differenti. F'każijiet bħal dawn, il-kontribuzzjonijiet tal-entitajiet li d-*data* tagħhom ma kinitx korretta jew kienet soġġetta għal bidla biss jenħtieġ li jiġu emendati.

(7) Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1 ([1]) l-avviż tal-kontribuzzjoni u kwalunkwe komunikazzjoni oħra mill-Bord jenħtieġ li jkunu fil-lingwa tal-Istat Membru li fih hija stabbilita l-istituzzjoni destinatarja.

(8) Il-ħlasijiet tal-kontribuzzjonijiet annwali jenħtieġ li jkunu infurzabbli u imgħax fuq ħlas tard jenħtieġ li japplika fil-każ ta' ħlas parzjali, nuqqas ta' ħlas jew nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet għal ħlas speċifikati fl-avviż tal-kontribuzzjoni, sabiex ikun żgurat il-ħlas sħiħ u fil-ħin tal-kontribuzzjonijiet.

(9) Il-kontribuzzjonijiet tal-entitajiet sinifikanti koperti mis-sistema provviżorja jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-ġdid biex jitqiesu l-ammonti mħallsa minnhom skont din is-sistema provviżorja. Kull differenza bejn il-pagamenti mħallsa abbażi tas-sistema provviżorja u l-kontribuzzjonijiet ikkalkolati skont is-sistema finali jenħtieġ li tiġi saldata fil-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet għall-infiq amministrattiv tal-Bord għas-sena ta' wara t-tmiem tal-perjodu provviżorju.

(10) Peress li dan ir-Regolament jintroduċi s-sistema finali ta' kontribuzzjonijiet għall-infiq amministrattiv tal-Bord, ir-Regolament dwar is-sistema provviżorja ma jibqax meħtieġ u jenħtieġ li jkun revokat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jispeċifikaw:

1. is-sistema finali għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet għall-infiq amministrattiv tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni ("il-Bord") dovut mill-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014;

2. il-mod li bih il-kontribuzzjonijiet għandhom jitħallsu;

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385).

3. ir-reġistrazzjoni, il-kontabbiltà, ir-rapportar u regoli oħra meħtieġa biex jiġi żgurat li l-kontribuzzjonijiet jitħallsu kollha u fil-ħin;

4. il-metodoloġija għall-kalkolu mill-ġdid u aġġustament tal-kontribuzzjonijiet dovuti għall-perjodu provviżorju.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1163/2014. Id-definizzjoni li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:

1. "infiq amministrattiv tal-Bord" tfisser in-nefqa ta' parti I tal-baġit tal-Bord, kif imsemmi fl-Artikolu 59(2) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014;

2. "kontribuzzjoni annwali" tfisser il-kontribuzzjoni li għandha tinġabar mill-Bord għal sena finanzjarja partikolari skont dan ir-Regolament sabiex jiġi kopert l-infiq amministrattiv tal-Bord;

3. "debitur tal-kontribuzzjoni" tfisser id-debitur tat-tariffa ddeterminat skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 għall-iskopijiet ta' ġbir tat-tariffa superviżorja u li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014;

4. "perjodu provviżorju" tfisser il-perjodu li jibda mid-19 ta' Awwissu 2014 u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2017.

Artikolu 3

Determinazzjoni tal-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet annwali li għandhom jinġabru

L-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet annwali li għandhom jinġabru għal sena finanzjarja partikolari għandu jiġi kkalkolat abbażi ta' parti I tal-baġit adottat mill-Bord għal dik is-sena finanzjarja skont l-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, aġġustat bir-riżultat tal-baġit tal-aħħar sena finanzjarja li għaliha l-kontijiet finali ġew ippubblikati skont l-Artikolu 63(7) ta' dak ir-Regolament.

Il-Bord għandu jiddetermina l-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet annwali biex b'hekk parti I tal-baġit tal-Bord tkun ibbilanċjata.

Artikolu 4

Allokazzjoni tal-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet annwali

1. L-ammont totali li għandu jinġabar skont l-Artikolu 3 għandu jkun allokat kif ġej:

(a) 95 % lill-entitajiet u gruppi li ġejjin:

   (i) entitajiet u gruppi msemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014;

   (ii) entitajiet u gruppi li fir-rigward tagħhom il-Bord iddeċieda li jeżerċita setgħat skont ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 skont l-Artikolu 7(4)(b) ta' dak ir-Regolament;

   (iii) entitajiet u gruppi li fir-rigward tagħhom l-Istati Membri parteċipanti ddeċidew skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 li l-Bord jeżerċita setgħat u responsabbiltajiet mogħtija lilu minn dak ir-Regolament;

(b) 5 % lil entitajiet u gruppi msemmija fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-Bord għandu jassenja l-entitajiet u l-gruppi lil waħda miż-żewġ kategoriji stipulati fil-paragrafu 1 skont id-*data* li jipprovdi l-BĊE lill-Bord skont l-Artikolu 6(1) jew l-Artikolu 11, kif applikabbli.

3. Meta entità taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' paragrafu 1(a), l-entitajiet kollha li huma parti mill-istess grupp għandhom jiġu assenjati lill-istess kategorija.

4. Il-Bord għandu jirrapporta kull sena lill-Kummissjoni dwar l-adegwatezza tal-allokazzjoni stipulata fil-paragrafu 1, fid-dawl tal-kompożizzjoni li tinbidel taż-żewġ kategoriji ta' entitajiet u gruppi.

Artikolu 5

Kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali individwali

1. Il-Bord għandu jikkalkula l-kontribuzzjonijiet annwali individwali dovuti għal kull sena finanzjarja abbażi tad-*data* li rċieva skont l-Artikolu 6 u l-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet annwali kif iddeterminat skont l-Artikolu 3.

2. Għall-għanijiet ta' kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali individwali, il-Bord għandu japplika d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 10(1), (2) u (3) u l-Artikolu 10(6)(a), (b) u (c) tar-Regolament(UE) Nru 1163/2014.

3. Bil-għan li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2:

(a) "tariffa superviżorja annwali" tfisser kontribuzzjoni annwali individwali;

(b) "entità sinifikanti taħt superviżjoni" jew "grupp sinifikanti taħt superviżjoni" tfisser entità jew grupp kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(a);

(c) "entità anqas sinifikanti taħt superviżjoni" jew "grupp anqas sinifikanti taħt superviżjoni" tfisser entità jew grupp kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(b);

(d) "entità taħt superviżjoni" jew "grupp taħt superviżjoni" tfisser kwalunkwe entità jew grupp;

(e) "debitur tat-tariffa" tfisser debitur tal-kontribuzzjoni.

4. Il-kontribuzzjoni annwali dovuta mill-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 li huma membri tal-istess grupp għandha tiġi kkalkolata bħala kontribuzzjoni unika.

5. Meta l-Bord jagħmel żball fil-kalkolu ta' kontribuzzjoni annwali individwali, dan għandu jirranġa l-iżball billi jikkalkula mill-ġdid il-kontribuzzjoni annwali individwali ta' kull entità affettwata. Il-Bord għandu jagħmel saldu ta' kull differenza bejn il-kontribuzzjoni annwali individwali mħallsa u l-ammont ikkalkolat mill-ġdid billi jżid jew inaqqas il-kontribuzzjoni annwali individwali kkalkolata fis-sena finanzjarja wara l-kalkolu mill-ġdid.

Madankollu, ma għandu jsir l-ebda kalkolu mill-ġdid fejn il-Bord ikun konxju ta' żball aktar minn ħames snin wara t-tmiem tas-sena finanzjarja li fiha seħħ l-iżball.

Artikolu 6

***Data* meħtieġa għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet annwali individwali**

1. Kull sena, fi żmien 5 ijiem ta' xogħol mill-ħruġ tal-avviżi tat-tariffa skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena li għaliha l-avviżi tat-tariffa huma maħruġin, il-BĊE għandu jipprovdi lill-Bord b'*data* dwar kull debitur tal-kontribuzzjoni kif miġbur mill-BĊE f'dik is-sena u użat sabiex jiġu ddeterminati t-tariffi superviżorji skont ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014.

2. Id-*data* għandha tinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) id-dettalji ta' identità u kuntatt ta' kull debitur tal-kontribuzzjoni kif iddeterminat skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 bil-għan tat-tariffi superviżorji;

(b) il-fatturi tat-tariffa ddeterminati skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014;

(c) jekk debitur tal-kontribuzzjoni hux sinifikanti skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jew hux entità jew grupp li dwarhom il-BĊE ddeċieda skont l-Artikolu 6(5)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 li jeżerċita direttament is-setgħat rilevanti kollha;

(d) kwalunkwe *data* li l-BĊE iddetermina fl-assenza ta' rappurtar minn debitur tal-kontribuzzjoni, skont l-Artikolu 10(5) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014;

(e) id-data ta' validità li fuqha huwa msejjes il-kalkolu tat-tariffa ta' kull debitur tal-kontribuzzjoni li tiddetermina t-tul tad-debitur tal-kontribuzzjoni kienet soġġetta għal tariffa superviżorja u kwalunkwe bidla fl-istatus skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 fil-perjodu tat-tariffa mogħti.

3. Għall-għanijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 2, id-dettalji ta' identità u kuntatt ta' kull debitur tal-kontribuzzjoni għandhom jinkludu kwalunkwe *data* fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 ([1]) li hija miġbura mill-BĊE bil-għan li jwettaq il-kompiti tiegħu skont ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 u li huwa meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti taħt dan ir-Regolament mill-Bord.

4. Fejn, għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, il-Bord jeħtieġ li jidentifika jekk entità hijiex parti mill-grupp li nnomina debitur tal-kontribuzzjoni partikolari, il-BĊE, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jassistu lill-Bord bl-informazzjoni rilevanti kollha.

5. Fil-każ li l-BĊE joħroġ fatturi addizzjonali jew jikkalkula mill-ġdid it-tariffa superviżorja annwali skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014, il-BĊE għandu jikkomunika lill-Bord id-*data* ġdida fi żmien 5 ijiem mill-ħruġ tal-avviżi tat-tariffa.

6. Għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali individwali li għandhom jingabru f'sena finanzjarja partikolari, il-Bord għandu juża d-*data* miġbura mill-BĊE fis-sena finanzjarja preċedenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 u pprovduta lill-Bord skont dan l-Artikolu jew l-Artikolu 11, kif applikabbli.

7. Meta l-BĊE, f'sena finanzjarja partikolari, ma jkunx ipprovda lill-Bord fil-perjodi stipulati f'dan l-Artikolu bid-*data* meħtieġa għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali, il-Bord jista' juża l-aktar *data* reċenti disponibbli pprovduta lilu mill-BĊE għall-iskopijiet ta'dak il-kalkolu.

8. F'każ li l-ebda *data* pprovduta mill-BĊE ma tkun disponibbli, l-awtorità kompetenti nazzjonali rilevanti għandha fuq talba tipprovdi lill-Bord bid-*data* disponibbli għaliha.

9. F'każ li l-ebda *data* pprovduta mill-awtorità kompetenti nazzjonali ma tkun disponibbli, id-debitur tal-kontribuzzjoni għandu, fuq talba, jipprovdi lill-Bord bid-*data* meħtieġa fi żmien perjodu stipulat mill-Bord. Fin-nuqqas ta' risposta mid-debitur tal-kontribuzzjoni fiż-żmien stipulat mill-Bord, il-Bord jista' jiddetermina d-*data* abbażi ta' assunzjonijiet raġonevoli.

10. Il-Bord għandu juża d-*data* speċifikata f'dan l-Artikolu biss għall-iskopijiet ta' u skont dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Bidla fil-kamp ta' applikazzjoni, status jew *data* oħra

1. Meta entità jew grupp jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 biss għal parti mis-sena finanzjarja, il-kontribuzzjoni annwali individwali tagħhom għal dik is-sena finanzjarja għandha tiġi kkalkolata b'referenza għan-numru ta' xhur sħaħ li matulhom jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-Artikolu.

2. Meta l-istatus ta' entità jew grupp jinbidel bejn il-kategoriji speċifikati fl-Artikolu 4(1) matul sena finanzjarja, il-kontribuzzjoni annwali individwali tagħhom għal dik is-sena finanzjarja għandha tkun ikkalkolata abbażi tan-numru ta' xhur li għalihom l-entità jew grupp waqgħu taħt il-kategorija rispettiva fl-aħħar jum tax-xahar.

3. Fejn iseħħu bidliet oħrajn fid-*data* ta' entità jew grupp li ntużat sabiex tiġi kkalkolata l-kontribuzzjoni annwali individwali tagħhom għal sena finanzjarja, il-kontribuzzjoni annwali individwali ta' dik l-entita jew grupp għal dik is-sena finanzjarja għandha tiġi kkalkolata abbażi tad-*data* aġġornata.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-*data* (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

4. Fejn seħħet bidla kif imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 u ġiet irrapportata mill-BĊE jew bidla kif imsemmija fil-paragrafu 3, il-Bord għandu jikkalkula mill-ġdid il-kontribuzzjoni annwali individwali biss ta' dik l-entità jew grupp għassnin finanzjarji kkonċernati. Fejn seħħew bidliet kif imsemmija fil-paragrafi 1, 2 jew 3 b'rabta ma' għadd ta' entitajiet jew gruppi matul l-istess sena finanzjarja, il-Bord għandu jikkunsidra biss il-bidliet li jikkonċernaw entità jew grupp individwali għall-iskopijiet ta' kalkolu mill-ġdid tal-kontribuzzjoni annwali individwali ta' dik l-entità jew grupp.

5. Fejn l-ammont ta' kontribuzzjoni annwali individwali mħallas huwa ogħla mill-ammont ikkalkolat mill-ġdid skont il-paragrafu 4, il-Bord għandu jħallas lura d-differenza lill-entità jew grupp ikkonċernati. Fejn l-ammont ta' kontribuzzjoni annwali individwali mħallas huwa inqas mill-ammont ikkalkolat mill-ġdid skont il-paragrafu 4, l-entità jew grupp ikkonċernati għandhom iħallsu lura d-differenza lill-Bord. Għall-iskopijiet ta' ħlas lura jew ġbir ta' ammont dovut skont dan il-paragrafu, il-Bord għandu jnaqqas jew iżid il-kontribuzzjoni annwali individwali tal-entità jew grupp ikkonċernati fis-sena finanzjarja ta' wara l-kalkolu mill-ġdid skont il-paragrafu 4.

6. Il-kontribuzzjonijiet annwali individwali ta' entitajiet jew gruppi li mhumiex soġġetti għal bidliet kif imsemmi fil-paragrafi 1, 2 jew 3 m'għandhomx jiġu aġġustati.

7. Il-Bord għandu japplika l-eċċess jew defiċit aggregat li jirriżulta mill-aġġustamenti kollha magħmula skont il-paragrafu 5 għall-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet annwali li għandhom jiġu ddeterminati skont l-Artikolu 3 għassena finanzjarja li ssegwi s-sena finanzjarja li fiha huma applikati l-aġġustamenti.

8. F'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni tajba tal-baġit tiegħu, il-Bord għandu jieħu kwalunkwe deċiżjoni meqjusa meħtieġa sabiex jimplimenta d-dispożizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu, inkluż fir-rigward tal-ħin tal-ħlas lura mill-Bord u tal-ħlasijiet addizzjonali li għandhom jingħabru mill-entitajiet.

Artikolu 8

Avviż ta' kontribuzzjoni, komunikazzjonijiet, ħlasijiet u imgħax għal ħlas tard

1. Avviż ta' kontribuzzjoni għandu jinħareġ mill-Bord lid-debituri tal-kontribuzzjoni.

2. Il-Bord għandu jinnotifika l-avviż ta' kontribuzzjoni permezz ta' kwalunkwe wieħed mill-mezzi li ġejjin:

(a) elettronikament jew b'mezz kumparabbli ieħor ta' komunikazzjoni;

(b) bil-fax;

(c) b'servizz espress ta' kurrier;

(d) bil-posta rreġistrata b'forma ta' konferma tal-wasla;

(e) b'servizz jew konsenja bl-idejn.

L-avviż ta' kontribuzzjoni għandu jkun validu mingħajr firma.

3. L-avviż ta' kontribuzzjoni għandu jispeċifika l-ammont ta' kontribuzzjoni annwali u l-mod li bih il-kontribuzzjoni annwali għandha titħallas. Dan għandu jkun irraġunat kif suppost fir-rigward tal-aspetti fattwali u legali tad-deċiżjoni tal-kontribuzzjoni individwali.

4. Il-Bord għandu jindirizza kwalunkwe komunikazzjoni oħra fir-rigward tal-kontribuzzjoni annwali, inkluż kwalunkwe deċiżjoni ta' saldu skont l-Artikolu 10(8), lid-debitur tal-kontribuzzjoni.

5. Il-kontribuzzjoni għandha tkun pagabbli f'euro.

6. Id-debitur tal-kontribuzzjoni għandu jħallas l-ammont tal-kontribuzzjoni annwali fi żmien 35 jum kalendarju mill-ħruġ tal-avviż tal-kontribuzzjoni. Id-debitur tal-kontribuzzjoni għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-avviż tal-kontribuzzjoni fir-rigward tal-ħlas tal-kontribuzzjoni annwali. Id-data tal-pagament għandha tkun id-data meta jiġi kkreditat il-kont tal-Bord.

7. Il-kontribuzzjoni annwali dovuta mill-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 li huma membri tal-istess grupp għandha tinġabar mingħand id-debitur tal-kontribuzzjoni ta' dak il-grupp.

8. Mingħajr preġudizzju għal kull rimedju ieħor disponibbli għall-Bord, fil-każ ta' ħlas parzjali, nuqqas ta' ħlas jew nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet għall-ħlas speċifikati fl-avviż tal-kontribuzzjoni, l-imgħax għandu jakkumula fuq bażi ta' kuljum fuq l-ammont pendenti tal-kontribuzzjoni annwali b'rata tal-imgħax tar-rata ta' rifinanzjament ewlenija tal-BĊE miżjuda bi 8 punti perċentwali mid-data meta kien dovut il-ħlas.

9. F'każ ta' kwalunkwe ħlas parzjali, nuqqas ta' ħlas jew nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet għall-ħlas speċifikati fl-avviż tal-kontribuzzjoni mid-debitur tal-kontribuzzjoni, il-Bord għandu jinforma lill-awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali tal-Istat Membru parteċipanti li fih id-debitur tal-kontribuzzjoni huwa stabbilit.

Artikolu 9

Infurzar

1. Il-ħlasijiet tal-kontribuzzjonijiet annwali dovuti u kwalunkwe imgħax għal ħlas tard skont l-Artikolu 8(8) għandhom ikunu infurzabbli.

2. L-infurzar għandu jkun regolat mir-regoli proċedurali applikabbli fl-Istat Membru parteċipanti li qiegħed iseħħ fit-territorju tiegħu.

3. Il-gvern ta' kull Stat Membru parteċipanti għandu jaħtar u jinnotifika lill-Bord u lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea awtorità għall-iskopijiet ta' verifika tal-awtentiċità ta' deċiżjonijiet ta' kontribuzzjoni individwali.

4. Ordni għal infurzar għandha tkun mehmuża ma' kull deċiżjoni ta' kontribuzzjoni individwali. L-infurzar m'għandux ikun soġġett għal kwalunkwe formalità apparti l-verifika tal-awtentiċità tad-deċiżjoni mill-awtorità maħtura skont il-paragrafu 3.

5. Awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali għandhom jassistu lill-Bord fil-proċedura ta' infurzar irregolata mir-regoli proċedurali applikabbli fl-Istat Membru parteċipanti.

Artikolu 10

Kalkolu mill-ġdid u saldu ta' kontribuzzjonijiet dovuti għall-perjodu provviżorju

1. Għall-għanijiet tal-kalkolu mill-ġdid u saldu ta' kontribuzzjonijiet dovuti għall-perjodu provviżorju, ix-xhur ta' Novembru u Diċembru 2014 għandhom jitqiesu parti mis-sena finanzjarja 2015.

2. Il-Bord għandu jikkalkula mill-ġdid, skont id-dispożizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament, l-ammont ta' kontribuzzjonijiet dovuti minn kull entità msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 sabiex ikopru l-infiq amministrattiv tal-Bord matul il-perjodu provviżorju.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(4), għall-kalkolu mill-ġdid tal-ammont ta' kontribuzzjonijiet dovuti minn kull entità fis-snin finanzjarji li jagħmlu parti mill-perjodu provviżorju, il-Bord għandu juża d-*data* miġbura mill-BĊE f'dawn is-snin finanzjarji skont ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 u pprovduta lill-Bord skont l-Artikolu 11.

4. Kwalunkwe differenza bejn il-pagamenti mħallsin minn entitajiet sinifikanti abbażi tas-sistema provviżorja stipulata fir-Regolament Iddelegat (UE) Nru 1310/2014 u l-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 għandu jsir saldu tagħha fil-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali dovuti għas-sena finanzjarja li ssegwi t-tmiem tal-perjodu provviżorju. Dak is-saldu għandu jsir billi jitnaqqsu jew jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet annwali dovuti għal dik is-sena finanzjarja.

5. L-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 li għalihom ġew differiti l-kalkolu u l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet fil-perjodu provviżorju għandhom iħallsu kontribuzzjonijiet ikkalkolati skont il-Paragrafu 2 għas-snin li jagħmlu parti mill-perjodu provviżorju. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom iżidu l-kontribuzzjonijiet annwali dovuti għas-sena finanzjarja li ssegwi t-tmiem tal-perjodu provviżorju.

6. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 4 "entitajiet sinifikanti" għandha tfisser l-entitajiet li ġew notifikati mill-BĊE, fl-oġħla livell ta' konsolidazzjoni fl-Istati Membri parteċipanti, bid-deċiżjoni tal-BĊE li jitqiesu sinifikanti skont it-tifsira

tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 u skont l-Artikolu 147(1) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 ([1]), u li ġew imsemmija fil-lista ppubblikata fuq is-sit tal-BĊE fl-4 ta' Settembru 2014, iżda bl-esklużjoni ta' dawk l-entitajiet sinifikanti li huma sussidjarji ta' gruppi diġà meqjusa f'din id-definizzjoni, u fergħat, li huma stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti, ta' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti.

7. Meta d-differenza msemmija fil-paragrafu 4 jew il-kontribuzzjonijiet għas-snin li jagħmlu parti mill-perjodu provviżorju msemmi fil-paragrafu 5 hija ogħla mill-kontribuzzjonijiet dovuti għas-sena finanzjarja li ssegwi t-tmiem tal-perjodu provviżorju, l-aġġustament għandu jkompli għaddej fis-snin finanzjarji sussegwenti.

8. Fejn żewġ entitajiet jew aktar fi ħdan grupp huma soġġetti għal saldi skont il-paragrafi 4 jew 5, il-Bord jista' jpaċi kontribuzzjonijiet dovuti kontra rimborżi fir-rigward ta' entitajiet ta' dak il-grupp.

Artikolu 11

Data meħtieġa għall-iskopijiet ta' kalkolu mill-ġdid tal-kontribuzzjonijiet għal snin finanzjarji li huma parti mill-perjodu provviżorju

Fi żmien 30 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-BĊE għandu jipprovdi lill-Bord bid-*data* kif speċifikat fl-Artikolu 6 u miġbura mill-BĊE skont ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 fi snin finanzjarji li jagħmlu parti mill-perjodu provviżorju.

Artikolu 12

Esternalizzazzjoni

1. Il-Bord jista' jiddeċiedi dwar l-esternalizzazzjoni sħiħa jew parzjali ta' kompiti speċifiċi previsti f'dan ir-Regolament.

2. Il-Bord għandu jirrestrinġi kwalunkwe esternalizzazzjoni għal kompiti tekniki li huma relatati maż-żieda fil-kontribuzzjonijiet u ma jinvolvix l-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu fir-rigward tad-determinazzjoni ta' kontribuzzjonijiet.

3. Kwalunkwe mandat mogħti lil fornitur tas-servizz bl-iskop li jiġu esternalizzati kompiti għandu jiddikjara b'mod ċar it-tul tal-mandat u l-kompiti speċifiċi li huma esternalizzati u għandu jistabbilixxi qafas għal rappurtar regolari mill-fornitur tas-servizz għall-Bord.

4. Kwalunkwe kuntratt bejn il-Bord u fornitur tas-servizz bl-iskopijiet li jesternalizza kompiti skont il-paragrafu 1 għandu jinkludi klawżoli li jirregolaw id-drittijiet ta' kanċellazzjoni tal-Bord, drittijiet marbutin ma' aktar sottokuntrattar u nuqqas ta' prestazzjoni mill-fornitur tas-servizz.

5. Fejn il-Bord kompletament jew parzjalment jesternalizza kompiti skont il-paragrafu 1, dan għandu jibqa' kompletament responsabbli għar-rilaxx tal-obbligi kollha tiegħu skont ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 u dan ir-Regolament.

6. Fejn il-Bord kompletament jew parzjalment jesternalizza kompiti skont il-paragrafu 1, dan għandu jiżgura f'kull mument li:

(a) kwalunkwe kuntratt konklużż għall-iskopijiet tal-esternalizzazzjoni ma jipprevedix id-delegazzjoni tar-responsabbiltà tal-Bord;

(b) kwalunkwe kuntratt konklużż għall-iskopijiet tal-esternalizzazzjoni ma jipprevedix l-esklużjoni tar-responsabbiltà tal-Bord taħt l-Artikolu 45 u l-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, jew tal-indipendenza tiegħu skont l-Artikolu 47 ta' dak ir-Regolament;

(c) l-esternalizzazzjoni ma twassalx sabiex il-Bord jiċċaħħad mis-sistemi u l-kontrolli meħtieġa għall-ġestjoni tar-riskji li jiffaċċja;

(d) il-fornitur tas-servizz jimplimenta arranġamenti tal-kontinwità tan-negozju ekwivalenti għal dawk tal-Bord;

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1).

(e) il-Bord iżomm l-għarfien espert u riżorsi meħtieġa biex jevalwa l-kwalità tas-servizzi pprovduti u l-adegwatezza organizzazzjonali tal-fornitur tas-servizz; il-Bord jissorvelja l-funzjonijiet esternalizzati b'mod effettiv u jimmaniġġja r-riskji assoċjati mal-esternalizzazzjoni fuq bażi kontinwa;

(f) il-Bord għandu aċċess dirett għall-informazzjoni rilevanti li tippermettilu jeżerċita l-kontroll meħtieġ fuq il-kompiti esternalizzati.

7. Fejn il-Bord jesternalizza kompletament jew parzjalment kompiti skont il-paragrafu 1, dan għandu jiżgura li l-fornituri tas-servizz huma obbligati jikkonformaw mar-rekwiżiti u prinċipji legali interni tal-Bord marbutin mas-sigurtà u l-kunfidenzjalità. Kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali marbuta mal-Bord u aċċessibbli għall-fornitur tas-servizz għandha tintuża biss sa fejn huwa meħtieġ għat-twettiq tal-mandat mogħti mill-Bord.

8. Qabel ma jieħu kwalunkwe deċiżjoni dwar l-esternalizzazzjoni, il-Bord għandu jikseb il-kunsens tal-BĊE sabiex jaqsam id-*data* pprovduta mill-BĊE ma' fornitur tas-servizz, skont id-dispożizzjonijiet ta' kunfidenzjalità applikabbli.

Artikolu 13

Assistenza minn awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali

Il-Bord jista' jitlob lil awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali sabiex jassistu fil-proċess tal-ġabra tal-kontribuzzjonijiet annwali fejn tali talba hija ġġustifikata miċ-ċirkostanzi tal-każ individwali.

Artikolu 14

Revoka

Ir-Regolament ta' Delegat (UE) Nru 1310/2014 huwa rrevokat.

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Settembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER